MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 391/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c (c 3177)**
**VS**
**Ronald Said (I.D. 336667M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma globali ta' hames elef tmin mija u erba' u hamsin lira Maltin u erba' u erbghin centezmu (Lm5,854.44) rapprezentanti bilanc minn Flexicredit Loan Facility Nru.056068737-300 moghtija lilek mill-HSBC Bank Malta

p.l.c u dan skond ftehim u statement of account hawn annessi u markati bhala Dok. A u Dok. B rispettivament bl-imghaxxijiet bir-rata ta’ 8% mill-11 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Peress illi ghalkemm il-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas dan baqa’ inadempjenti.

Billi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma’ dan l-att affidavit markat Dok C a tenur ta’ l-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhix:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti b’dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2. Tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil Bank attur is-somma globali ta’ hames elef tmin mija u erba’ u hamsin lira Maltin u erba’ u erbghin centezmu (Lm5,854.44) rapprezentanti bilanc minn Flexicredit Loan Facility Nru.056068737-300 moghtija lilek mill-HSBC Bank Malta p.l.c. u dan skond ftehim u statement of acount hawn annessi u markati bhala Dok A u Dok B rispettivament bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% mill-11 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali sad-29 ta’ Mejju 2003 u bl-imghaxxijiet legali mill-11 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process:

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux konradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------